# Il-Madonna tal-Mellieħa – Storja ta' Devozzjoni

Minn Alfred Vella

Fid-dinja kattolika, xi lokalitajiet ġew marbuta ħafna mal-Madonna. Issemmihom u moħħok imur dritt fiHa. Isiru bħal wirt għall-umanità kollha. Lourdes mhux patronizzat mill-Franċiżi biss. Fatima mhix qiegħda għall-Portuġiżi u l-Madonna ta' Guadalupe mhix għall-Messikani. Il-glorja tan-nies, bis-santwarji f'pajjiżhom, mhux li jagħmluh b'tagħhom u jagħlqu l-bibien iżda li jifthuhom beraħ biex jaraw dik il-fidi u devozzjoni dejjem ġejja pprattikata f'pajjiżhom. L-effett ta' dan hu tant pożittiv. Fost kollox jidher kemm it-twemmin kattoliku hu mxerred fid-dinja u l-vanġelu magħruf. Barra wkoll li tara każi ta' nies bi twemmin ieħor li safrattant isibu valur fi żjarat ta' dawn il-postijiet qaddisa. Il-Madonna tal-Mellieħa tingħaqad mas-santwarji msemmija fil-kult marjan. Dan tal-Mellieħa hu mill-aktar antiki, marbut kif inhu mal-miġja ta' San Pawl fis-sena 60 W.K. Għalkemm tradizzjoni li San Luqa hu l-ħtija tas-Santwarju Għar, l-awtorità ekklesjastika dejjem kkonfermant il-valur tagħha. Is-suppliki li saru matul iż-żminjiet saħħew ħafna tradizzjoni u hemm żjarat ta' storja ta' personalitjiet għolja ekklesjastiċi u ċivili lil din il-Madonna. Permezz ta' Luqa u Pawlu, il-Madonna waqqfet darHa f'dan id-distrett meta l-aktar kien iżolot, u l-bogħod kien jinħass.

Il-Madonna għandha ħabta kif turi l-maternità tagħha. Hija persuna destinata minn Alla biex tkun Omm Ibnu u Omm l-Umanità. Daħla fis-sagristija u mill-kwadri tifhem kemm nies għandhom stejjer xi jgħidu dwar kemm ittamaw fiHa u sabu l-ħelsien. Bastimenti f'ibħra tempestużi, morda b'tamiet żgħar ta' fejqan, sitwazzjonijiet ta' korrimenti li ma' tistax taħrabhom, trabi f'xifer il-mewt, suldati li ħelsuha ħafif minn gwerra kollha perikli, kollha juru kemm din il-Madonna kienet f'moħħ il-Malti u kemm stennew minnha. Fehmu li kienet omm. Jekk rawha inkwetata f'tieġ, minħabba l-inbid u seħħ l-ewwel miraklu ta' Ġesù biex tittaffa l-problema, kemm aktar stennew li din l-Omm ħanina għandha tgħin! Wara kull kwadru hemm in-nies li kienu jafu sewwa min hi l-Madonna, x'setgħet tagħmel għalihom u kemm kienu jafu bil-Madonna ivvenerata fis-Santwarju.

Il-Madonna tinsab u tista' tiġi meqjuma f'kull knisja. Hawn kemm il-parroċċa bil-festa titulari tal-Madonna u barra dan ssir kemm l-okkażjoni biex infaħħru u nirringrazzjaw lill-Verġni Mbierka. Naraw kemm jeżistu Innijiet Marjani. Il-Kult Marjan għamel il-fidi kattolika sinjura u għen ħafna biex il-bniedem jersaq lejn Alla. Il-ħsieb fil-Madonna iwassal ħafna għat-talb, għall-penitenza, għal servizz lill-proxxmu, għas-safa għal sens kbir ta' appostolat bħal ma tgħidilna fid-dehriet tagħha. Fis-santwarji tagħha, li kollha għandhom xi storja straordinarja tal-bidu tagħhom, jinħoloq ambjent li jgħinek tingabar ġo fih u tħossok aktar qrib Alla. Nafu kemm eluf iżuru Lourdes u xi jħossu il-viżitaturi u pellegrini f'dawn il-postijiet ta' talb. F'dan tal-Mellieħa, għalkemm m'hemmx storja ta' dehriet u forsi mirakli dikjarati, b'danakollu, matul iż-żminijiet, il-post appella ħafna għal min ried jitlob. Is-Santwarju, b'dik l-immaġini tal-Madonna fuq il-blat, kien f'moħħ il-Malti meta wasal l-għawġ u t-tiġrib.

Dan is-santwarju jgħaġġibni ħafna kif laħaq impressjona daqshekk. Beda b'għar miftuħ fi żmien meta dawn l-inħawi ma kinux miżgħuda bin-nies. Kien żmien ir-Rumani. L-għerien ta' madwar setgħu offrew refuġju għal numru żgħir ta' nies. Kif dan l-għar ġie riklamat ma tantx tista' tasal biex tifhem jekk l-Awtorità Ekklesjastika fl-Imdina ma ħaditx il-biċċa f'idejha. Hemm tradizzjoni li xi patrijiet

kienu waslu mill-Afrika ta' Fuq biex jaħarbu persekuzzjoni mill-Arjani u stabilixxu ruħhom viċin is-Santwarju. Din it-teorija ta' Patri Ugolino Gatt, Agostinjan, u tal-Mons. Carlo Cortis tagħmel ħafna sens għal dik li hi promozzjoni. Dan kien f'għeluq il-Ħames Seklu. Kienu patrijiet Agostinjani li skond Ugolin tħeġġu fl-imħabba lejn Marija u xerrdu l-qima fost id-devoti tagħha, kemm damu l-Mellieħa. Ċerta kitba li tinsab fil-kotba tal-festa tal-parroċċa qed tagħti ħafna dawl fuq l-istorja ta' devozzjoni. Iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar sa jkollha valur. L-użu tal-manuskritti minn Dun Mose Debono, li wassal lil Ġanni Mifsud jippublika ktieb mimli informazzjoni u storja, flimkien ma' ktejjeb ta' Mons. Carlo Cortis fit-tletinijiet u ieħor ta' Rafel Bonnici Calì kienu kollha passi kbar biex tiġi reġistrati storja ta' devozzjoni. Patri Alexander Bonnici, OFM Conv., magħruf sewwa għall-ħila u d-dedikazzjoni tiegħu għall-verità fl-istorja u t-tradizzjoni, ta servizz mill-aqwa biex naraw is-santwarju f'postu.

Fis-saqaf tal-grotta hemm impinġi il-Missier Etern imdawwar b'għadd kbir ta' Isqfijiet. Min għamilha, ried li għandha titfakkar iż-żjara li għamlu dawn l-Isqfijiet lill-grotta meta kienu fi triqthom lejn Milevi – fl-Alġerija ta' llum – jew lejn Kartaġni biex jiltaqgħu f'konċilju fi żmien il-Papa Innocenzu I. Hemm bħal dubju jekk kienx fl-416 jew fl-409. L-importanza tal-ġrajja ġejja mill-fatt li dawn l-isqfijiet ġejjin minn pajjiżi mxerrda fl-Ewropa ġew iggwidati biex iżuru l-Madonna tal-Mellieħa fil-bidu tal-Ħames Seklu. Għandna l-immaġini tal-Verġni Mbierka ikkunsidrata li hi tat-tnax-il seklu, iżda hemm storiċi li jqisuha ta' żminijiet iktar bikrin meta jaraw elementi komuni f'dawk l-affreski li jinsabu fil-katakombi ta' l-ewwel insara.

Is-Santwarju m'ilux miksi bl-irħam. Fl-aħħar tal-erbgħinijiet il-post ħa dehra oħra. X'jiġbdek bħala struttura ma kienx hemm. Il-grotta fil-blat kienet bħala ħaġa unika iżda il-bqija xejn impressjonanti. Min kien jiġi u jieħu dik it-telgħa biex jasal il-Mellieħa kellu f'moħħu biss li jintefa' f'riġlejn il-Madonna. Dawk il-pellegrinaġġi tal-1677, wara pesta qalila, dak tal-1468 u tal-1719 għax-xita, dak tal-1814 mill-Patrijiet Dumnikani, dawk spissi ta' wara l-Gwerra, kollha saru meta ma kien hemm xejn spettakolari ħlief l-immaġini tal-Madonna. Dan juri kemm kienet qawwija l-attenzjoni tal-Maltin lejn dan il-post.

Fis-Santwarju, mal-artal maġġur, hemm iż-żjara ta' Marija lil Elizabetta u hemm iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ tal-Madonna ma' S. Ġużepp. Żewġ kwadri kbar juru l-Familja Mqaddsa fil-ħarba tagħha u tlugħ is-sema tal-Verġni Mbierka. Il-pittur ġabar fil-qosor f'hiex għandha tikkonsisti il-vera devozzjoni lejn Marija. Illum iż-żjara lil Elizabetta ħadet valur kbar għall-fatt li n-nisrani irid ikun dak li jinsab u jagħti servizz lil ħaddieħor. Imbagħad ir-responsabilità li għandu jħoss, kulħadd skond il-pożizzjoni tiegħu. Il-ħarba minn Erodi biex it-tarbija teħles mill-mewt żgura saret minn sens kbir li kellhom Ġużeppi u Marija, li daħlu għalih fiż-żwieġ tagħhom. F'Marija u Ġużeppi, f'dak il-lejl ta' ħarba, naraw il-volontà t'Alla taħdem fihom b'dik ir-rassenjazzjoni li tant għandha bżonn fiż-żminijiet ta' llum. Id-devozzjoni lejn il-Madonna tiġi espressa b'mod umli ħafna iżda l-frott tagħha jilħaq ikun kbir. Il-Papa tefa' l-fiduċja tiegħu fil-Madonna. Devot kbir tal-Madonna ta' Czestochova, qalilna: Kollni tiegħek, fil-bidu tal-pontifikat tiegħu. U l-Madonna għenitu, nebbħitu, u salvatu. Iżda fuq kollox, b'din id-devozzjoni tiegħu Marjana, għamel għeġubijiet, waqqa' ħitan, għeleb kull biża' biex ġab sens ta' ġustizzja fejn drittijiet umani kienu miċħuda.

Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kellu jilqa' wieħed mill-aqwa devoti tal-Madonna fil-persuna tal-Papa. Kien donnu jistħoqqlu rigal dan is-santwarju għas-sehem importanti li kellu fil-ħajja Maltija u barra x-xtut tagħna.